## **Ħelsien**

Ġo fija għandi
Xebgħa kurrenti,
Għaddejja mċafċa
Ħa ma jirrendi.

Imwieġ sular għoli
Jibilgħu l-eħrex blat,
Ifarrku, jitmasħnu
Ikarwat dak ir-ragħad.

U x-xita bil-qliel nieżla
Timla' bl-ilma kullimkien,
'l hawn u l'hemm ċaflis għandi
Jaħasra, iwa hawn sliem?

Għajjien minn ħbit ma jaqta xejn
Tal-għedewwa ndemonjati,
Li jibqgħu jitturmentawni
Moħħhom li jtuni l-majnati.

Sfinit intlaqt quddiemek
Ħassejtni biċċa tal-art,
Ikollni ngħid ġarrabtu
Dak il-qtar tad-demm qattart.

Issa waħdi mbikki
Għajnejja kollha dmugħ,
Ngħajjat waħdi nilgħeġ
Fis-skiet, hemm wiċċi 'l fuq.

Inħares maħsud
Lejn saqaf miftuħ,
Qed nisma' l-karba
Ta' ġismi misħuq.

"Missier, Missier,
La tħallinix,
Għax ħliefek jien
Ma baqagħlix.

Weġibni:
"Tinkwetax,
Qed ngħannqek
La tibżax".

Nifsu
F'nifsi

Qalbu
Tmissni.

Ferħ
Sliem,
Wens
Ħelsien.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta’ Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.